MSIDA

**Kunsill Lokali l-Imsida**

# Rapport Annwali Amministrattiv

## Jannar – Diċembru 2016

## Werrej


1.0 Introduzzjoni
2.0 Il-Kunsill
2.1 Kunsilliera u karigi
2.2 L-Amministrazzjoni tal-Kunsill
2.3 Parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kunsill
2.4 Kunmitat Amministrattiv Swatar
3.0 Il-Ħidma tal-Kunsill
3.1 Ilmenti
3.2 Kuntatt
3.3 Xoghol ta' kuljum
3.4 Xoghol iehor u progetti
3.5 Edukazzjoni u kultura
3.6 Jum l-Imsida
3.7 Għaqdiet
3.8 Anzjani
3.9 Kunsill Lokali Zghazagh
4.0 Konklużjoni

Tabella Numru 1 – Attendenza tal-Kunsilliera, Kunsill Lokali L-Imsida

Tabella Numru 2 – Attendenza tal-Membri, Kumitat Amministrattiv Swatar

Tabella Numru 3 – Popolazzjoni

## 1.0 Introduzzjoni

Ġejt maħtur uffiċjalment bħala Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Imsida fit-22 ta' Ottubru 2016. Bejn din id-data u 19 ta' Diċembru 2016 kont qiegħed niġi nagħmel il-ħidma tiegħi għal ftit siegħat kuljum sakemm ħdimt in-notice fil- post ta' xogħol preċedenti.

Bl-għajnuna tas-Sindku , il-kunsilliera u l-ħaddiema tal-kunsill bdejt biex nagħmel tajjeb għal perjodu twil ta assenza ta' Segretarju Eżekuttiv fil- Kunsill Lokali tal-Imsida. Nieħu l-opportunita biex nirringrazzja ż-żewġt Aġent Segretarju Eżekuttiv li kienu qed jieħdu ħsieb l-amministrazzjoni tal-Kunsill sakemm ġejt maħtur.

Nemmen illi bil-limitazzjonijiet li l-Kunsill Lokali tal-Imsida kellu matul 2016 għamel dak kollu li seta' sabiex jara li l-Imsida tingħata l-ġieh illi jixirqilha u kemm il-darba matul 2017 il-Kunsill jimxi fuq l-istess passi żgur li l-Lokalita' u r- residenti jkunu qed jagħmlu pass ieħor lejn l-idejal.

2016 kienet sena illi matulha minn barra li ittieħdu diversi inizjattivi utli ġie pjanat xogħol illi matul 2017 ser jkun qed jissarraf f'pożizzjoni aktar stabbli li tippermetti pjanijiet ta' tisbieh lil din il-Lokalita'.
L-akbar sfida li għandu il-Kunsill fi snin li ġejjien hija bla dubju ta xejn li jkompli joffri is-servizzi eżistenti fil waqt li jipprovdi servizzi oħrajn ġodda.

Preżentement waħda mill-ikbar sfidi li l-kunsill qiehed jiffaċċja ta kull jum f'operat tiegħu huwa żieda fin-numru kbir ta'permessi tal- kostruzzjoni li eventwalment se jwasslu biex in-numru ta' residenti ikompli jikber b' rata mgħaġġla li titlob servizzi akbar biex tinżamm moqdija.
Fost id-diffikultajiet li l-Kunsill qiegħed jiffaċċja huma n-nuqqas ta'koperazzjoni minn fost xi residenti li ma josservawx il-ħinijiet li suppost joħroġ l-iskart u abbużi oħra . Dan qed iwassal biex boroż tal-iskart u materjal ieħor qed jibqu barra toroq għal ħinijiet twal li ma jagħmel xejn tajjeb kemm għal iġjene u għad- dehra ta' din il-Lokalita' li jixirqilha ferm aħjar.

Għas-snin li ġejjiin il-Kunsill Lokali tal-Imsida huwa determinat biex ikompli jaħdem sabiex mhux biss jilħaq l-għanijiet u dak li hu mistenni mir- residenti msidjani iżda wkoll jagħmel qabża fil- kwalità tal-hajja permezz ta' xogħol ta' manutenzjoni , tisbieh fil- Lokalita u inizjattiva ġodda li permezz ta' laqgħat ta' kordinazzjoni mal-Kunsill u l-awtoritajiet jwasslu għal titjieb f'operat aktar organizzat bejn is-soċjetajiet kulturali , stabbilimenti kummerċjali u għaqdiet volontarji tal-Lokalita.

Alan Vella
Segretarju Eżekuttiv

## 2.0 Il-Kunsill

Il-Kunsill Lokali ta' l-Imsida, raħal ta' madwar 8,893 votant (Dati mehuda min fuq Registru elletorali ta'Ottubru 2016 kif muri f'tabella 3 annessa) u popolazjoni reali hija ferm ikbar . huwa magħmul minn disa' kunsillieri eletti.
Il-Kunsill elett matul din il-leġiżlatura beda jopera b'effett mill-1 ta' April, 2013. Din il-leġiżlatura hija pjanata li jkollha terminu ta' sitt snin, jiġifieri sas-sena 2019, bħala parti minn proċess li se jġib it-terminu ta' leġiżlatura, dak ta' ħames snin għal kull Kunsill Lokali.

## 2.1 Kunsilliera u Karigi

Il-Kunsill Lokali huwa magħmul mis-Sindku u tmien kunsilliera. Kull wieħed għandu r-responsabbilita' ta' kumitat u/jew sotto kumitat. L-amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabilitajiet mogħtija lilu bl-Kap 363 ta' l-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, hi mmexxija mis-Segretarju Eżekuttiv li għandu erbgħa uffiċċjali jassistuha minbarra numru ieħor ta' esperti bħal perit, quantity surveyor u avukat fost l-oħrajn. Il-funzjoni tal-kumitati u s-sotto kumitati hi li jipproponu u jassistu lill-Kunsill fil-pjanijiet tiegħu sabiex iwettaq ir-responsabbilitajiet fdati lill-Kunsill, bħala l-gvern lokali ta' l-Imsida.

**Il-karigi tal-Kunsillieri u l-impjegati tal-Kunsill huma s-segwenti:**

1. Sindku Margaret Baldacchino Cefai: Customer Care, Rappreżentanza tal-Kunsill fuq il-Kumitat tar-Reġjun, Edukazzjoni u Kultura, Rappreżentanza fuq il-Kumitat tas-Sajd
2. Viċi-Sindku Dr. Alex Sciberras: Finanzi u Fondi tal-UE, sostitut tas-Sindku fuq il-Kumitat tar-Reġjun
3. Kunsillier Lino Bartolo: Anzjani u nies bi bżonnijiet speċjali, Ġonna Publiċi
4. Kunsillier Emanuel Brincat: Infrastruttura (MEPA), Traffic Management
5. Kunsillier Charles Selvaggi: Infrastruttura (MEPA), Traffic Management, Rappreżentanza fuq il-Kumitat tas-Sajd
6. Kunsillier Maurice Agius: Indafa Pubblika u Anzjani
7. Kunsillier Alan Abela-Wadge: Żgħażagħ u Sport
8. Kunsillier Romina Galea: Żgħażagħ u Sport
9. Kunsillier Matthew Agius: Fondi ta' l-UE, Rappreżentanza fuq il-Kumitat tas-Sajd

## 2.2 L-Amministrazzjoni tal-Kunsill

L-amministrazzjoni tal-Kunsill matul 2016 kienet komposta kif ġej:

| | | |
|---|---|---|
| *Aġent Segretarju Eżekuttiv* | Christopher Cutajar | 01 ta' Jannar sas-17 ta' Mejju 2016 |
| *Aġent Segretarju Eżekuttiv* | Karen Camilleri | 27 ta' Marzu sal-21 ta' Ottubru 2016 |
| *Segretarju Eżekuttiv* | Alan Vella | 22 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru 2016 |

Is-Segretarju Ezekuttiv huwa responsabbli mill-operat sħiħ tal-Kunsill Lokali, kemm mill-lat amministrattiv,finanzjarju u dak legali.

| | |
|---|---|
| Is-Sinjura Rachel Aquilina | *Assistent prinċipal* - Responsabbli mis-sezzjoni tal-finanzi u riżorsi umani. |
| Is-Sinjura Sonia Vassallo | *Assistent prinċipal* – Responsabbli mis-sezzjoni tal-finanzi,permessi u hlasijiet. |
| Is-Sinjorina Mirane Camilleri | *Uffiċċjal Eżekuttiv* – Responsabbli mill-midja, facebook, stimi u xiri. |
| Is-Sinjura Gemma Cassar | *Skrivana* – Responsabbli għar-relazzjonijiet Publici, Servizi u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju. |

Xogħlijiet madwar il-Lokalita':

Is-Sur Joe Demarco : Contracts Manager 01 ta' Jannar sal-31 ta' Ottubru 2016
Is-Sur John Micallef : Quality Service & Works supervisor 01 ta' Diċembru sal- 31 ta' Diċembru 2016

Ħaddiema ssekondati mal-Kunsill kienu:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Generoso Abela: | Industrial Project Services Ltd |
| Is-Sur Martin Vidal: | Industrial Project Services Ltd |
| Is-Sur Joseph Baldacchino: | Employment and Training Corporation |
| Is-Sur George Grima: | Employment and Training Corporation |

## 2.3 Parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kunsill.

Bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2016 inżammu 13-il laqgħa. L-attendenza kienet hekk kif murija f'Tabella Numru 1 annessa mar-Rapport.

## 2.4 Kumitat Amministrattiv Swatar

Il-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar jaqa' taħt il-Kunsill Lokali ta' L-Imsida u ta' Birkirkara rispettivament.

Dan il-Kumitat huwa magħmul minn ħames persuni u jieħu ħsieb jamministra ż-żona tas- Swatar. Il-Kunsill Lokali L-Imsida dejjem mexa id f'id ma' dan il- Kumitat għall-ġid tar-residenti ta' din iż-żona.

Fil-15 ta' Frar 2016 saret laqgħa tal-komunita' fis-St. Martin's College fejn gew diskussi lmenti u suggerimenti tar-residenti tas-Swatar.

Gie diskuss ma St Martins college u intlahaq ftehim biex jaghmlu tajjeb fl-spejjez ghax xiri ta'tabelli ta lismijiet godda ghat toroq.

Matul is-sena 2016 saru disa' laqgħat tal-Kumitat Amministrattiv. Kien hemm perjodi fejn il-laqgħat ma sarux minħabba l-fatt li l-Kunsill Lokali tal-Imsida għamel perjodi żgħar mingħajr Segretarju Eżekuttiv. Il-laqgħat tal-Kumitat, bħal dawk tal-Kunsilli Lokali ma jkunux jistgħu jittellgħu mingħajr il-preżenza tas-Segretarju Eżekuttiv.

Fit-Tabella Numru 2 annessa mar-Rapport wieħed isib id-dati tas-seduti li saru u l-attendenza tal-membri, għal kull membru matul din is-sena.

## 3.0 Il-Ħidma tal-Kunsill

Matul is-sena kalendarja 2016 saru 13-il laqgħa tal-Kunsill, li jinkludu laqgħa li saret b'urġenza. Intbagħtu bosta ittri, filwaqt li ġew iproċessati mijiet ta' permessi dwar xogħlijiet varji fil-lokal. Il-permessi kienu jinkludu dawk relatati ma' krejnijiet, *scaffoldings*, attivitajiet, tqegħid ta' skips u tħaffir ta' toroq.

## 3.1 Ilmenti

Matul is-sena 2016, il-Kunsill irċieva **586** ilment. 85.7% tal-ilmenti ġew magħluqa, filwaqt li 14.3% baqgħu ma ġewx solvuti sal-aħħar tas-sena 2016. Dawn il-figuri jixhdu li l-Kunsill jirreġistra l-ilmenti li jaslulu, għalkemm ikun selettiv fir-reġistrazzjoni ta' ilmenti anonimi. Din is-sistema tgħin lill-Kunsill biex ikun iktar kontabbli fil-konfront tar-residenti u fl-istess waqt ikun jista' jżomm kontroll tal-ilmenti li jkunu għadhom pendenti.

Il-parti l-kbira tal-ilmenti ġew magħluqa permezz ta' xogħol imwettaq minn ħaddiema tal-Industrial Projects and Services Ltd. (IPSL) u dawk taħt l-iskema ta' xogħol fil-komunita' (CWEF). Din it-tabella turi dawn il-figuri msemmija fir-rigward tal-ilmenti għas-sena 2016.

| *Ilmenti* | *Kunsill* | *E-gov* | *Oħrajn* | *Dawl fittoroq* | *Total* | *Persentaġġ* |
|---|---|---|---|---|---|---|
| ***Magħluqa*** | *301* | *41* | *35* | *125* | *502* | *85.70%* |
| ***Pendenti*** | *66* | *0* | *0* | *18* | *84* | *14.30%* |
| ***Total*** | *367* | *41* | *35* | *143* | *586* | *100.00%* |

## 3.2 Kuntatt

Il- Kunsill kellu diversi laqghat ma' entitajiet u dipartiment diversi fejn gew diskussi suggetti varji relatati mal- Imsida. Fosthom kien hemm laqghat mat- Transport Malta, Ministeri diversi, Green Pak, laqghat mad- Dipartiment tal- Kunsill Lokali, Kunsill tal- Junior Collage, MEPA, laqghat ma' kuntratturi u hafna ohrajn.

## 3.3 Xoghol ta kuljum

Matul is-sena jsir hafna xoghol li hemm minnu ma jidhirx bhal xoghol li isir mill- ufficju fosthom permessi, hlasijiet ta' kirjiet, rapporti lil entitajiet li l- Kunsill mhux responsabbli ghalihom, kordinament ta' xogholijiet, laqghat ma' Ghaqdiet, dipartimenti w entitajiet varji, twegibiet ta' hafna mistoqsijiet parlamentari u mid- dipartiment fejn dawn jiehdu hafna hin.

Ta' kuljum isir knis u tindif fit- toroq, Gbir ta' skart imhallat u anke ghar- riciklat, tindif tal- gonna, u tahwil ta' pjanti u arbuxelli. Tindif tal- culverts u servizz tal- bulky refuse 3 darbiet fil- gimgha b'wahda minnhom tkun ghal gbir ta' oggetti tal- elettriku u batteries. Isir ukoll tiswijiet u bdil ta' bozoz fejn ikun hemm bzonn, maintenance u tiswijiet tal- funtani.

Isir xoghol ukoll fit- toroq bhal fosthom refreshing tas- sinjali tat- toroq li jsir skond skeda ta' xoghol li tul is-sena tkopri l- Msida kollha, xoghol ta' patching u twahhil ta' tabelli .

## 3.4 Xogħol ieħor u Progetti

a. Intlaqgħu 3542 talba mir-residenti biex jinġabar Skart Goff (**Bulky Refuse**) minn wara l-bibien tad-djar residenzjali. Minn dawn it-talbiet 452 minnhom kienu ġejjin mis-Swatar. Fl- 2016, ezatt kull nhar ta' Tlieta bdejna nigbru affarijiet tal- eletriku jew batteriji – WEEE.

b. L-ewwel ġimgħa tax-xahar jsir ġbir ta' ħġieġ u beda wkoll gbir ta' ħwejjeġ użati.

c. Fis-Sajf kienet miżjuda l-frekwenza tal-**knis** fix-Xatt Ta' Xbiex u anke fejn il-Junior College kollu minħabba minhabba zieda ta' attivita ta' nies li jifrekwentaw dawn iz- zoni.

d. Saru xi bankini u saru l- bollards tat- Triq Indri Grima. Wara tahdidiet mal- Ministeru tat-Transport u l- Infrastruttura saret Triq il- Wied u l- kumplament ta' Triq il- Harrub. Beda wkoll l-embellishment ta' Triq Censu Farrugia ma' Triq l- Irmigg minn naha tal- Gvern.

## 3.5 Edukazzjoni u Kultura

Il-Kuntatt mar-residenti kompla jinżamm ħaj permezz ta' **ħarġiet** li saru bi skop kulturali, rikreattiv jew edukattiv, hekk kif deskritt fil-lista segwenti:

1. Ħarġa għall-Għawdex
2. Żjara lill-Prim Ministru fil-Berġa ta' Kastilja

3. Żjara l-Barakka ta' Fuq
4. Dawra bil-lanċa l-Birgu
5. Bristow Potteries
6. Hop on Hop off Bus

Korsijiet edukattivi li saru fis-sena 2016 kienu s-segwenti :

1. *Read with me* għat-tfal.
2. *Lifelong learning*.
3. *Arts and Crafts* għat-tfal.

4. Għajnuna *Homework* b'kollaborazzjoni maċ-Ċentru Appoġġ tal-Imsida.
5. *Korsijiet fl-informatika ghat tfal u il kbar.*
6. *Drama.*
7. Taħditiet dwar is-Saħħa.

d. Il-Kunsill għen ukoll fil-**formazzjoni edukattiva** tal-istudenti minn kulleġġi differenti bil-għan li jesperjenzaw u jitgħallmu dwar il-ħidma tal-Kunsill. Studenti mill-Junior College wettqu taħriġ fil-Kunsill.

e. Intefqu €1215 f'kotba, li nofshom inħarġu mill-Kunsill u n-nofs l-ieħor mid-Dipartiment tal- Gvern Lokali, sabiex il-**librerija** li tinsab fiċ-Ċentru Ċiviku tibqa' tkun mgħammra b'kotba li jqanqlu interess għal diversi kategoriji ta' qarrejja. Skont l-aħħar statistika maħruġa, is-self tal-kotba mil-librerija pubblika kienet ta' 16,000.

f. Fl-aħħar tas-sena l-Kunsill ippubblika **kalendarju** b'ritratti ta' kif kienet l-Imsida qabel, li wara tqassam bieb bieb.

## 3.6 Jum L-Imsida

Matul Ġimgħa Msida ġew organizzati diversi attivitajiet kif muri hawn taħt:

1. Lejla Divertenti ta' Kant u Ċajt
2. Ħarġa għall-Anzjani
3. Ħarġa għat-Tfal
4. Żjara lill-anzjani fid-djar tal-anzjani
5. Ittellgħet Serata Ġieħ L-Imsida fejn fl- 2016, skonfd il- bord mahtur hadd mill- proponuti ma kienu elegibbli biex jinghataw Mertu Msida.

## 3.7 Għaqdiet

L-Għaqdiet Misidjani jaghmlu bosta attivitajiet matul is-sena u il-kunsill qatt ma naqas li jghati il-kollaborazzjoni shiha tieghu sa fejn dan hu pemess.Fost bosta attivitajiet varji li saru matul Is-sena li-ghadiet kien hemm tal-Ġostra , l-Imsida Nursery,kuncert mill-Banda Melita f'lejliet il-Milied u ngħatat l-għajnuna kollha lill-Iskola Primarja biex saret siġra tal-Milied mit-tfal bi fliexken riċiklabbli.
Il Kunsill qed jahdem biex ikun jista itejjeb is-servizz tieghu lill-ghaqdiet kollha permess ta' kollaborazzjoni u ghal dan il-ghan se jkun qed isejjah laqgha ta'diskusjoni u tgharif biex jiġi mfassal kalendarju ta'attivitajiet.

## 3.8 Anzjani

Lill-Anzjani tintbagħtilhom kartolina f'għeluq sninhom fejn kull l-aħħar tax-xahar issir quddiesa u wara ssir bibita għal dawk ir-residenti li jagħlqu żmienhom. Minn zmien ghal zmien isiru hargiet ghalihom. Il- Kunsill ha hsieb ukoll li jipprovdi s- servizz li jghati **l-vaċċin tal-influenza**. Dan is-servizz inghata lil 307 residenti. Ghal- Anzjani ghandna ic- Centru ta' Matul il- Jum li jiftah kull nhar ta' Erbgha u nhar ta' Gimgha.

## 3.9 Kunsill Lokali Zghazagh (KLZ)

Il- KLZ huwa maghmul minn 4 zghazagh u l- Ambaxxatur taz- Zghazagh huwa s- Sindku tal- istess Kunsill. Dan il- Kunsill huwa wiehed attiv. Ghal darb'ohra dawn iz- Zghazagh rebhu progett tal-Agenzija Zghazagh bl- isem ta' "Nsuqu, nitghallmu u nitbismu" Dan il- progett kien jikkonsisti f' bollards b' messaggi posittivi u ta' tghallim.

## 4.0 Konklużjoni

Nagħlaq dan ir-rapport amministrattiv billi nirringrazzja lill-impjegati,lill-ħaddiema u il-voluntarji tal-Kunsill, tal- hidma u il-kollaborazzjoni tagħhom, għaliex dan ix-xogħol kollu maħsub u pjanat mis-Sindku u l-Kunsilliera seta' jitwettaq biss permezz tal-ħidma tagħhom.

Alan Vella
Segretarju Eżekuttiv